**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 18 ta' Jannar 2022

Rikors Numru: 107/2015 AL

**A B (KI 260078M) f'isimha proprio u b'digriet tal-10 ta' Jannar 2017 gie mahtura bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha l-minuri J M li twieldet fil-5 ta' Ottubru 2008**

**-vs-**

**C J M (KI 376472M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

*Din hija kawza ghall-manteniment ghall-minuri J M*

[1] Fol. 1.

*Illi lill-partijiet twelditilhom minuri bl-isemta' J M li twieldet fil-5 ta' Ottubru tas-sena 2008 u dank if jirrizulta minn Dokument ittra 'A'.*

*Illi perezz ta' digriet datat 13 ta' Mejju 2015 moghti mill-Qorti Civili – Sezzjoni Familja, l-imsemmija Qorti ordnat illi l-konvenut ihallas lill-attrici ghall-minuri manteniment fis-somma ta' mitejn (200€) kull erba' gimghat b'effett mit-30 ta' Marzu 2015, oltre li tali manteniment jizdied kull sena bl-gholi tal-hajja, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u markata Dokument ittra 'B'.*

*Illi fis-sitt snin illi ilha mwielda l-minuri, il-konvenut ma vversax aktar minn circa elf u hames mitt euro (1,500€) f'manteniment.*

*Illi l-konvenut qatt ma ried jirrikonoxxi lill-minuri J, li ghandha l-kondizzjoni ta' l-awtizmu u kellha tkun kundanna tal-Qorti li permezz ta' sentenza (Rik Gur 17/14 AL) moghtija fl-4 ta' Dicembru 2015 ordnat ir-rikonoxximent, vide sentenza Dok C.*

*Illi meta l-konvenut intbghatitlu ittra ufficjali sabiex jirrikonoxxi lill-minuri J, huwa baqa' inadempjenti u dank if jirrizulta mill-imsemmija sentenza.*

*Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmija bintu minuri izda li jhallas kull manteniment minnu dovut mhux biss ghall-futur izda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan in linea mal-principju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Dicembru 1946 fl-ismijiet: Filippu Grech vs Antonia Magri (XXXII.I.468).*

*Illi li kieku ma kienx ghad-digriet tat-13 ta' Mejju 2015, kieku l-konvenut ghadu sa llum jirrifjuta li jhallas ghall-manteniment ta' bintu.*

*Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju bejniethom u ghalhekk ir-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghal din il-kawza u dank if jirrizulta mill-anness digriet immarkat bhala Dok C.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-*

1. *Tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' manteniment ghat-tifla minuri J M okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas il-konvenut sal-lum mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza effettiva u ohra gjornaljiera u cioe' 'per diem' in linea ta' manteniment futur ghall-imsemmija minuri J, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-procedura tal-medjazzjoni, u bil-konvenut minn issa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

*Illi t-talba ta' l-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra taghha ghas-segwenti ragunijiet:*

*Eccezzjonijiet:*

1. *Illi, ghar-rigward it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna ta' hlas ta' somma lill-attrici ghall-manteniment tal-minuri mid-data tat-twelid sad-data tas-sentenza effettiva:*

    a) *L-esponent, preliminarjament, jeccepixxi l-prekrizzjoni ta' hames snin ai termini ta' l-artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili;*

    b) *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent kien qed jipprovdi ghal minuri, kemm finanzjarjament kif ukoll b'mezzi u modi ohra u dan a sodisfazzjon ta' l-attrici u bi qbil maghha. Tant hu hekk illi qabel it-30 ta' Marzu, 2015, l-attrici ma ghamlet l-ebda talba sabiex jinhareg digriet minn din l-Onorabbli Qorti li jordna lill-esponent ihallasha manteniment ghall-minuri;*

2. *Illi, ghar-rigward it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna ta' hlas ta' somma giornaliera lill-attrici ghall-manteniment futur tal-minuri:*

[2] Fol. 21.

a) *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini ta' Artikoli 3, 3B u 7(1) tal-Kap 16, l-attrici ghandha l-obbligu, daqs l-esponent, li tikkontribwixxi ghall-htigijiet tal-minuri u kwindi t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi kwalunkwe kundanna ghall-hlas ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet kontendenti;*

b) *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-servizzi socjali li tintassa l-attrici jiehdu hsieb il-kondizzjoni ta' awtizmu tal-minuri. Di Piu' l-attrici ma wrietx li, oltre l-ghajnua socjali, l-minuri ghandha bzonn Euro 400 f'manteniment*[3]*;*

c) *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent certament ma jistghax ihallas is-somma dekretata pendente lite ta' mitejn Ewro (€200) kull erbgha gimghat. Altrimenti dan ser jikkawzalu diffikulta' finanzjarja ulterjuri, u liema somma hija eccessiva fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tenut kont il-mezzi u d-djun (inkluz dejn mal-Bank HSBC*[4]*) ta' l-eccipjenti, kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza*[5]*; u wkoll minhabba l-fatt li l-esponent ghandu wild iehor li jrid imantni wkoll u cioe' tifel ta' ghaxar snin minn mara ohra u cioe' H P u li l-konvenut ihallas manteniment lil H P, omm it-tifel, fl-ammont ta' Euro 150 fix-xahar, ghall-bzonnijiet tal-minuri apparti l-ispejjez edukattivi u dawk ta' sahha (Vide l-kuntratt relattiv hawn anness u mmarkat Dokument E); Di piu' l-esponent ighix f'appartament mkri minghand terzi u jhallas kera ta' Euro 280 fix-xahar apparti l-ispejjez relatati fosthom dawk ta' dawl u ilma (Vide il-kuntratt ta' kera hawn anness u mmarkat Dokment F);*

d) *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut mhux qieghed f'qaghda tajba li jmantni lil bintu stante l-mezzi limitati tieghu. Tant hu hekk illi l-esponenti ghandu biss introjtu gross ta' Euro 853.05 u net ta' Euro 832.05 fix-xahar; (Vide it-tlett payslips tax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2014 hawn annessi u mmarkati Dokument G);*

---

[3] U dan anke in vista tad-digriet pendente lite ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Mejju, 2015.
[4] Ara prospett ta' l-HSBC – hawn anness u mmarkat Dokument A.
[5] Ara dokument fornut lill-esponent mill-ahwa Debattista li huma sifien tal-fond li minghandu l-esponent jikri zewg garaxxijiet minn fejn jopera – hawn anness u mmarkat Dokument B; kif ukoll zewg (2) *Ledger Statements* mahrugin mid-Dipartiment tal-VAT iddatatati 13 ta' Frar 2012 u 16 ta' Gunju 2013 rispettivament fil-konfront taz-zeg socjetajiet li jiggestixxi l-eccipjent hawn annessi u mmarkati Dokument C u prospett ta' dejn illi l-esponent ghandu ma' missieru hawn anness u mmarkat Dokument D.

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri J M, li jġib in-numru progressiv 3466 tas-sena 2008;[6]

Rat id-digriet tat-13 ta' Mejju 2015, fejn il-proċeduri tal-medjazzjoni ġew iddikjarati magħluqa u l-partijiet ġew konsegwentament awtorizzati jipproċedu wara li l-Qorti għalqet il-proċeduri ta' medjazzjoni, awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu b'azzjoni legali;[7]

Rat id-digriet tal-10 ta' Jannar 2017 fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi sabiex fil-kawża odjerna hija tinħatar bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri J M;[8]

Rat is-sentenza rigward il-paternita' tal-minuri J M, fl-ismijiet **A B pro et noe vs. C M**, bin-numru 17/2014 AL, deċiża minn din il-Qorti kif preseduta nhar l-2 ta' Diċembru 2014;[9]

Rat is-sentenza parzjali mogħtija nhar il-14 ta' April 2016 rigward l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut rigward il-preskrizzjoni ta' ħames (5) snin ai termini tal-Artikolu 2156(b) tal-Kodiċi Ċivili, fejn il-Qorti ċaħdet tali eċċezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;[10]

Rat id-digriet *pendente lite* tat-13 ta' Mejju 2015, fejn il-Qorti ordnat lil *"C J M ihallas lil A B is-somma ta' mitejn ewro (€200) kull erba' gimghat b'effett mit-30 ta' Marzu, 2015 liema manteniment jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja"*;[11]

Rat id-digriet *pendente lite* tas-17 ta' Awwissu 2015, fejn *inter alia* ordnat li *"tawmenta l-ammont ta' manteniment u tordna lill-intimat sabiex jibda jhallas €300 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri*", u dan oltre li għandu jħallas ukoll nofs l-ispejjez edukattivi, mediċi u extra-kurrikulari b'effett mid-19 ta' ta'

[6] Fol. 4.
[7] *Ibid.*
[8] Fol. 127.
[9] Fol. 9.
[10] Fol. 111.
[11] Fol. 7.

Ġunju 2015, kif ukoll li l-istess manteniment għandu jiżdied kull sena bir-rata ta' 1% fuq is-sena preċedenti;[12]

Rat id-digriet *pendente lite* tal-10 ta' Lulju 2018, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż għal attivita' extra-kurrikulari waħda biss;[13]

Rat l-affidavit tal-attriċi u d-dokumenti eżebiti minnha;[14]

Rat l-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti eżebiti minnu;[15]

Rat il-verbali kollha, kif ukoll l-affidavits ippreżentati, ix-xhieda imresqa, u d-dokumenti eżebiti, liema ġew kollha miżmuma u mresqa quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dr Anna Mallia, Dr Greta M Agius, u Dr Maria Dolores Gauci;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[16]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;[17]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza finali għal-lum.[18]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Il-partijiet kellhom relazzjoni intima, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri J M nhar il-5 ta' Ottubru 2008. Jirriżulta li meta twieldet il-minuri, din ġiet reġistrata taħt missier mhux magħruf, tant li *per* konsegwenza l-attriċi kellha tibda azzjoni ta' paternita' sabiex il-konvenut jagħraf u jirrikonoxxi lil bintu.

[12] Fol. 95.
[13] Fol. 551.
[14] Fol. 478a.
[15] Fol. 968.
[16] Fol. 1279.
[17] Fol. 1293.
[18] Fol. 1275.

Minkejja li l-konvenut oġġezzjona għat-talbiet tal-attriċi, permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-2 ta' Diċembru 2014, il-Qorti ddikjarat illi l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri u konsegwentament ordnat illi l-konnotazzjonijiet tiegħu għandhom jitniżlu fl-Att tat-Twelid tal-minuri.

Bis-saħħa ta' din is-sentenza, l-attriċi kellha d-dritt li tipprosegwi bl-azzjoni odjerna, fejn qiegħda titlob il-ħlas ta' manteniment għall-minuri mid-data tat-twelid 'il quddiem. Min-naħa l-oħra, il-konvenut qiegħed joġġezzjona għat-talba attriċi abbażi ħames (5) binarji: (i) huwa kien diġa' qiegħed jipprovdi għal minuri, (ii) l-attriċi għandha ukoll l-obbligu li tipprovdi għal minuri ai termini tal-Artikolu 3, 3B u 7(1) tal-Kodiċi Ċivili, (iii) l-attriċi tipperċepixxi għan-nom tal-minuri l-benefiċċji soċjali minħabba l-kundizzjoni tal-awtiżmu li soffri minnha l-istess minuri, (iv) l-attriċi ma wrietx li *oltre* l-benefiċċi soċjali għandha bżonn il-manteniment, u (v) l-konvenut ser ikollu diffikulta' finanzjarja sabiex ifornixxi l-manteniment għal minuri tenut kont tal-mezzi u l-obbligi finanzjarji ulterjuri li huwa għandu.

## 2. Il-Verżjoni tal-Attriċi:

Fl-affidavit tagħha,[19] l-attriċi tirrileva illi ltaqgħat mal-konvenut f'Jannar tal-2008, u wara ftit taż-żmien li bdew jiffrekwentaw lil xulxin, ħarġet tqila. Meta l-attriċi nfurmat lil konvenut bit-tqala, dan ma riedx jemmen u ssuġġerixxa lill-attriċi sabiex tabortixxi t-tarbija għaliex altrimenti huwa ma kienx ser jibqa' f'relazzjoni magħha. Madanakollu, l-attriċi tgħid illi hija għażlet lit-tarbija u fil-fatt il-konvenut abbandunaha għal kollox u qatt ma offra sapport. Jingħad illi matul it-tqala, l-attriċi nfurmatu permezz ta' messaġġ illi kien ser ikollhom tifla iżda l-konvenut għażel li ma jirrispondix lura. F'ġurnata sussegwenti meta l-attriċi ppruvat tkellem lill-konvenut wiċċ'imb'wiċċ huwa saħaq magħha li *"t-tifla li kien ser ikollna ma ridhiex u qalli wkoll illi l-uniku raguni ghalfejn jiena ridt tifla kienet ghaliex jien ridt tifla minnu. Kien qalli li jekk titwieled it-tifla se tbati ghaliex hu ma kellux hin ghaliha"*. Minkejja dan u meta l-attriċi waslet għal ħlas, din tgħid li nfurmat lil konvenut illi kienet waslet biex twelled iżda ma marx l-isptar mal-ewwel, u mar tlett (3) sigħat wara l-ħlas. L-attriċi tispjega li l-minuri twieldet nhar il-5 ta' Ottubru 2008 u l-ewwel frażi li l-konvenut qalilha kienet *"Kuntenta issa?"*, ħa xi ritratti tat-tifla u telaq. Wara ftit żmien, saret il-Magħmudija tal-minuri fejn il-konvenut kien attenda flimkien ma' xi wħud mill-

[19] Fol. 478a – 481.

familjari tiegħu. Kien ukoll attenda l-festin tal-magħmudija izda ma kienx dam wisq. L-attriċi tispjega ukoll li wara l-Magħmudija tal-minuri, l-partijiet kienu ppruvaw jerġgħu jagħtu spinta lir-relazzjoni tagħhom iżda kien kollu ta' xejn. L-attriċi tgħid illi minkejja li l-konvenut kien konsapevoli li huwa missier it-tarbija, huwa ma ried bl-ebda mod jirrikonoxxi lil bintu, tant li l-attriċi kellha tirreġistra lil bintha taħt missier mhux magħruf, sakemm maż-żmien fetħet kawża quddiem il-Qorti tal-Familja u din ordnat li l-konvenut ikun iddikjarat u rreġistrat bħala l-missier naturali tal-minuri.

L-attriċi tgħid illi fiż-żmien meta twieldet it-tifla hija kienet impjegata ma' Baxter Limited, u b'hekk kienet intitolata għall-*maternity leave* u wara li dan għadda din kienet daħlet lura għax-xogħol. Min-naħa l-oħra l-konvenut kien dejjem bin-negozju, u jiġi spjegat illi fil-bidu kellu kumpanija bl-isem ta' Jamar Limited u issa għandu l-kumpanija Jamar Malta Limited. Minkejja li l-konvenut jinsab fin-negozju u sakemm il-minuri kellha sitt snin, il-konvenut ma pprovdiex finanzjarjament iktar mis-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) għall-bżonnijiet tal-minuri. Jiġi spjegat li l-konvenut ma kienx konsistenti fl-għoti tal-manteniment, anzi kien jipprovdi dik ix-xi ħaġa lill-attriċi għax kienet iċċempillu. L-attriċi tgħid illi bdiet il-proċeduri l-Qorti u nhar it-13 ta' Mejju 2015, il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex *pendente lite* jħallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta' Marzu 2015. Minkejja tali digriet, l-attriċi tikkontendi li l-konvenut qatt ma kien puntwali fil-ħlas tal-manteniment, tant li kien hemm drabi li kellha tagħmillu rapport mal-Pulizija. Magħdud mal-premess, l-attriċi tispjega ukoll illi l-partijiet għandhom ftehim illi *"peress illi l-mizata tal-iskola, tat-trasport tal-iskola u tal-awtizmu huma fissi, qsamnihom u qieghed ihallashom kull xahar"*. L-attriċi tispjega illi kellha tipproċedi b'din l-azzjoni għaliex riedet illi l-konvenut iħallas għall-arretrati ta' manteniment, u dan mit-twelid tal-minuri sakemm ħareġ l-ewwel digriet.

Flimkien mal-premess, l-attriċi tagħti ukoll rendikont tal-aċċess li l-konvenut għandu għal minuri. Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi tipprezenta numru ta' dokumenti u xhieda:

***Provi Mressqa mill-Attriċi Sabiex Jikkonfermaw il-Verżjoni tal-Attriċi, il-Kundizzjoni tal-Awtżzmu tal-Minuri, is-Servizzi li tagħmel użu minnhom il-Minuri, il-Benefiċċji li għalihom hi intitolata l-Minuri, l-Intorjtu tal-Attriċi, u l-Ispejjeż involuti:***

1. *Affidavit ta' Marcelle B*, ċjoe' omm l-attriċi, liema affidavit ġie maħluf u ppreżentat nhar is-27 ta' Frar 2017,[20] fejn ikkonfermat il-verżjoni tal-attriċi;

2. *Ix-Xhieda ta' Audrey Galea bħala l-Head tal-iSkola Our Lady Immaculate*,[21] li tikkonferma li d-donazzjonijiet tħallsu dejjem mill-attriċi, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-kotba, *stationery* u ħruġ organizzat mill-iskola.[22] Magħdud ma' dan ġie kkonfermat li l-iskola taf dwar il-kundizzjoni tal-awtiżmu li minnha tbati l-minuri u għal tali fini l-iskola għandha LSA li hija mħallsa mill-Istat;

3. *Dokument datat 23 ta' Marzu 2015 u ffirmat minn Yanika Attard mill-Malta Autism Centre*,[23] fejn ġie ddikjarat illi: *"J's development history and profile are that of a young girl with difficulties within the autism spectrum. (...) J was referred for intervention by her mother – Ms A B. Indeed, J has been receiving specialised intervention from The Malta Autism Centre, which is specialised Centre for individuals on the autism spectrum, for the past three years. J receives individualised attention through one-to-one sessions to address the main difficulties which arise from the condition. She also benefits from group sessions with the aim of enhancing her social and communicative skills, and to increase her level of independence"*;

4. *Ix-Xhieda ta' Yanika Attard bħala Autism Specialist in rappreżentanza tal-Malta Autisim Centre*,[24] fejn tikkonferma li ilha ssegwi lill-minuri minn mindu kellha tlett (3) snin u dan peress li l-minuri għandha l-kundizzjoni tal-awtiżmu. Is-sessjonijiet bejn ix-xhud u l-minuri, isiru abbażi ta' *contribution fee* ta' mitejn Ewro (€200) kull tlett xhur, liema ħlas dejjem ġie mħallas mill-attriċi u ċjoe' l-persuna li l-*Malta Autism Centre* għandu kuntatt magħha. Ix-xhud tkompli tispjega li l-minuri *"għamlet hafna progress, pero' għandha bzonn ħafna support, għax il-komunikazzjoni tagħha hija limitata. Ha jkollha bzonn dan is-support għal ħajjitha kollha. Minhabba t-terapija li għandha bzonn, l-ispejjes ta' din it-tifla ha jkunu aktar mis-soltu"*;

[20] Fol. 300.
[21] Fol. 323.
[22] Fol. 328, 329.
[23] Fol. 61.
[24] Fol. 323.

5. *Ix-Xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[25] li jeżebixxi dokumenti li jistabbilixxu li l-attriċi hija ntitolata għan-nom ta' bintha c-*Children Allowance* u d-*Disabled Children Allowance*;[26]

6. *Ix-Xhieda ta' Dr Andrew Borg Cardona*,[27] li ppreżenta d-dokumenti dwar ix-xogħol u l-introjtu tal-attriċi, ċjoe' li l-attriċi hija mpjegata bħala *supervisor* fuq bazi *full time* ma' Baxter Ltd u ilha f'dan l-impjieg sa mis-26 ta' Jannar 1998, fejn l-introjtu gross tagħha għas-sena 2016 kien ta' €20,180.[28] Magħdud ma' dan ġew eżebiti: (i) FS3 għas-sena li tagħlaq 2016 b'introjtu gross ta' €20,180,[29] (ii) *Payslip* għall-perjodu bejn id-9 u t-22 ta' Jannar 2017 b'introjtu nett ta' €596.70,[30] (iii) *Payslip* għall-perjodu bejn it-23 ta' Jannar 2017 u l-5 ta' Frar 2017 b'introjtu nett ta' €584.22,[31] (iv) *Payslip* għall-perjodu bejn is-6 u d-19 ta' Frar 2017 b'introjtu nett ta' €580.47;[32]

7. *Numru ta' rċevuti għal dawk l-ispejjeż ta' terapija u servizzi edukattivi bħal Learning Support Assistants*;[33]

8. *Irċevuti ta' attivitajiet extra-kurrikulari*, senjatament tal-pjanu li jammontaw għal €1,023.56,[34] u dan eskluż il-pagamenti tal-lezzjonijiet tal-pjanu li tagħhom ma għandhiex irċevuti, u tal-arti li jammontaw għal €190;[35]

9. *Prospett ta' spejjeż skont il-pretensjoni tal-attriċi*, fejn tallega li matul is-sitt snin u nofs li l-konvenut naqas milli jmantni lil bintu, hija nefqet is-somma globali ta' €59,282 u b'hekk il-konvenut għandu jrodd lura sehemu li tammonta għal €29,641.[36] Magħdud ma' dan, l-attriċi telenka ukoll dawk l-

[25] Fol. 324.
[26] Fol. 335.
[27] Fol. 323.
[28] Fol. 330.
[29] Fol. 331.
[30] Fol. 332.
[31] Fol. 333.
[32] Fol. 334.
[33] A fol. 68 – 73: (i) Servizzi minn għand The Malta Autism Centre fl-ammont ta' €200 mħallsa l-14 ta' Ottubru 2013, a fol. 68; (ii) Servizzi minn għand The Malta Autism Centre fl-ammont ta' €200 mħallsa it-12 ta' April 2013, a fol. 68; (iii) Servizzi minn għand The Malta Autism Centre fl-ammont ta' €200 mħallas fil-5 ta' Frar 2013, a fol. 68; (iv) Servizzi ta' LSA fl-ammont ta' €112 mhux datata, a fol. 69; (v) Servizzi ta' LSA fl-ammont ta' €128 mhux datata, a fol. 69; (vi) Servizzi LSA fl-ammont ta' 144 mhux datata, a fol. 70; (vii) Servizzi ta' LSA fl-ammont ta' €85 mħallsa nhar is-26 ta' Lulju 2014, a fol. 71; (viii) Servizzi ta' LSA fl-ammont ta' €252 mħallas nhar it-2 ta' Awwissu 2013, a fol. 72; (ix) Servizzi ta' LSA fl-ammont ta' €308 mħallsa nhar it-28 ta' Awwissu 2013, a fol. 72; (x) Servizzi ta' LSA fl-ammont ta' LSA fl-ammont ta' €85 mħallas nhar id-29 ta' Awwissu 2014, a fol. 73; (xi) Servizzi ta' LSA fl-ammont ta' €85 mħallas nhar il-25 ta' Lulju 2014, a fol. 73;
[34] Fol. 521 – 527.
[35] Fol. 519 – 520.
[36] Fol. 528.

ispejjeż ta' darba li jammontaw għal €1,761, minn liema somma l-konvenut għandu jirrifondi sehemu u ċjoe' €880.50;[37]

10. *In-Nota[38] u d-dokumenti li jispjegaw il-kalkoli tal-attriċi* dwar: (i) l-ispejjeż tad-dawl u ilma,[39,40] (ii) affarijiet tal-iskola li jinkludu uniformi, *stationery*, u ħruġ tal-iskola,[41,42] (iii) miżati tal-iskola u tal-LSA,[43,44] (iv) privat,[45,46] (v) *autism fee*,[47,48] (vi) lezzjonijiet tal-pjanu,[49,50] (vii) lezzjonijiet tal-arti,[51,52] (viii) FS3 tal-attriċi għas-snin bejn l-2008 u l-2018,[53,54] (ix) transport,[5556] (x) spejjeż mediċi,[57,58] (xi) spejjeż ta' ħwejjeġ, *groceries* u zraben,[59,60] (xii) kontijiet tat-television, internet, telefon u mobile;[61]

### *Provi Mressqa mill-Attriċi dwar l-Kredibilita', l-Assi, Xogħol u l-Ħajja li jgħix il-Konvenut:*

1. *Xhieda ta' Joanne B in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc*,[62] li ddikjarat li l-konvenut għandu erba' (4) kontijiet u ċjoe':

[37] Fol. 529.
[38] Fol. 602 – 605.
[39] Fol. 578 – fejn ġie kkalkulat li fuq medda ta' madwar sitt (6) snin il-minuri nkorriet spiża ta' €2,589.59.
[40] Fol. 606 – 717 li huma l-kontijiet tad-dawl u ilma maħruġa fuq ir-residenza li fiha għixet il-minuri fil-perjodu bejn Ġunju 2009 sa Mejju 2019 li jammotaw għal €11,970.30. Iżda minn Ġunju 2009 sa April 2011 l-ammont ta' dawl u ilma kien dak ta' €3,819.16 u kienu rreġistrati li qegħdin jgħixu tlett (3) persuni u b'hekk kull persuna nkorriet €1,273.05. Minn Ġunju 2011 sa Mejju 2019 l-ammont ta' dawl u ilma kien dak ta' €8,151.14 u kienu rreġistrati erba' (4) persuni u b'hekk kull persuna nkorriet is-somma ta' €2,037.79. Għaldaqstant il-minuri li nkorriet total ta' €3,310.84.
[41] Fol. 579 – fejn ġie kkalkulat li fuq medda ta' madwar sitt (6) snin il-minuri nkorriet spiża ta' €3,003.64.
[42] Fol. 718 – 757.
[43] Fol. 580 – fejn ġie kkalkulat li fuq medda ta' madwar sitt (6) snin il-minuri nkorriet spiża ta' €5,484.24.
[44] Fol. 758 – 777.
[45] Fol. 581 – fejn ġie kkalkulat li bejn Awwissu 2008 sa Frar 2019 il-minuri nkorriet spiza ta' €300.
[46] Fol. 778 – 788.
[47] Fol. 582, 583 – fejn ġie kkalkulat li bejn l-2011 sal-2019 il-minuri nkorriet spiża ta' €6,400.
[48] Fol. 789 – 802.
[49] Fol. 584 – fejn ġie kkalkulat li l-minuri nkorriet spiża ta' €1,464.73.
[50] Fol. 803 – 807.
[51] Fol. 585 – fejn ġie kkalkulat li l-minuri nkorriet spiża ta' €310.
[52] Fol. 808 – 811.
[53] Fol. 586 – fejn ġie kkalkulat li l-attriċi kellha introjtu gross ta' €217,808 li minnhom ittiehdu bħala taxxa s-somma ta' €16,618.
[54] Fol. 812 – 838, fejn għas-sena 2018 l-attriċi daħlet introjtu annwali gross ta' €23,184.
[55] Fol. 588 – fejn ġie kkalkulat li l-minuri nkorriet spiża ta' €1,295.
[56] Fol. 839 – 840.
[57] Fol. 589 – fejn ġie kkalkulat li l-minuri nkorriet spiża ta' €1,439.40
[58] Fol. 841 – 860, liema rċevuti jammontaw għal €433.5.
[59] Fol. 590 – fejn ġie kkalkulat li l-minuti nkorriet spiża ta' €599.66.
[60] Fol. 861 – 870, liema rċevuti jammontaw għal €752.04.
[61] Fol. 871 – 944, li jammontaw għal €4,497.87 għal perjodu bejn Lulju 2010 u Ġunju 2019.
[62] Fol. 133.

(i) Bin-numru tal-kont 40020394659 bħala *young savers account* ta' Carson M;[63]
(ii) Bin-numru tal-kont 40017130017 bħala *business loan* li ġie mħallas fl-intier tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2018;[64]
(iii) Bin-numru tal-kont 40015198022 bħala *current account* fuq isem il-konvenut;[65]
(iv) Bin-numru tal-kont 18203948032 bħala *savings account* f'isem Jamar Ltd.[66]

2. *Xhieda ta' Alison M Brimmer in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc*,[67] fejn ġie ddikjarat li l-konvenut għandu zewġ (2) kontijiet u ċjoe':

(i) Kont li n-numru tiegħu mhux magħruf izda li huwa *loan account* dovut lil Bank stess;[68]
(ii) Kont ieħor li kellha tixhed fuqu izda ma xeheditx;

3. *Xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[69] fejn eżebixxa dokument li juri l-vetturi kollha li kellu fil-passat u li għandu fil-preżent il-konvenut,[70] ċjoe' fil-preżent għandu rreġistrati fuq ismu għaxar (10) vetturi, filwaqt li fil-passat kellu rreġistrati fuq ismu ħamsa u sittin (65) vettura;

4. *Ix-Xhieda tal-Prokuratur Legali Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-MFSA*,[71] li eżebixxa dikjarazzjoni li C J M huwa involut fis-soċjetajiet: (i) Jamar Malta Limited (C 45236) bħala direttur, rappreżentant legali u ġudizzjali, *shareholder* u segretarju, u (ii) Jamar Limited (C 21383) bħala direttur, *shareholder* u rappreżentant legali u ġudizzjali;[72]

5. *Xhieda ta' Bernard Zarb in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[73] fejn eżebixxa kopja tal-*employment history* tal-konvenut,[74] li turi li minn meta twieldet il-minuri l-konvenut kien qiegħed jaħdem għal rasu bħala direttur fuq bażi *full-*

[63] Fol. 220 – 225.
[64] Fol. 226.
[65] Fol. 227 – 264.
[66] Fol. 265 – 285.
[67] Fol. 299.
[68] Fol. 302 – 303.
[69] Fol. 134.
[70] Fol. 138 – 219.
[71] Fol. 324a.
[72] Fol. 337.
[73] Fol. 133.
[74] Fol. 137.

*time* tal-kumpanija Jamar Limited u Jamar Malta Limited, liema xogħol għadu jsir sal-prezent;

6. *Kopja tal-profil tal-konvenut fuq il-pjattaforma soċjali Facebook, fejn jiddikjara lilu nnifsu bħala self-employed fil-kariga ta' direttur tal-kumpanija Jamar Malta Limited*;[75]

7. *Kopja tal-website ta' Jamar Malta Limited li juri li n-numru taċ-ċellulari tal-kumpanija huwa 99490300*, liema numru ċellulari jikkombaċa eżatt ma dak li hemm imniżżel fuq il-profil tal-konvenut fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook*;[76]

8. *Ritratti ta' vetturi tal-kumpanija Jamar Malta Limited*;[77]

9. *Ritratti ta' muturi u vetturi tal-konvenut jew li qed jitħajjar biex jixtri*;[78]

10. *Kopja ta' posts fuq il-profil ta' Jamar Malta Limited fuq il-pjattaforma soċjali Facebook li juru s-servizzi li toffri l-kumpanija,[79] li trid tingaġġa nies ġodda magħha, xogħol li sar mill-istess kumpanija, u reviews*;[80]

11. *Ix-Xhieda ta' Kenneth Gambin in rappreżentanza ta' Heritage Malta*,[81] fejn ikkonferma li ġiet imqabda l-kumpanija Jamar Malta Limited għal biċċa xogħol fl-Armerija tal-Palazz ġewwa l-Belt Valletta fl-2016 versu l-prezz ta' €3,386;

12. *Ix-Xhieda ta' J Camilleri in rappreżentanza ta' Baxter Ltd*,[82] fejn ikkonferma li ġiet imqabda l-kumpanija Jamar Malta Limited għal biċċa xogħol li saret fl-2014 u li kienet tikkonsisti f'bibien tal-*aluminium* bil-*Malamine Panelling* versu l-prezz ta' €3,800;[83]

13. *Ix-Xhieda ta' Dominic Bezzina in rappreżentanza ta' MonteKristo Estate ta' Polidano Group*,[84] fejn ikkonferma li ġiet imqabda l-kumpanija Jamar Malta

[75] Fol. 482.
[76] Fol. 506.
[77] Fol. 1174 – 1175.
[78] Fol. 1176 – 1179.
[79] Fol. 1195 – 1219.
[80] Fol. 1180 – 1194.
[81] Fol. 344.
[82] Fol. 344.
[83] Fol. 347.
[84] Fol. 348.

Limited għal diversi biċċiet ta' xogħol fil-perjodu bejn is-sena 2007 u l-2011 u Polidano Group ħallas is-somma ta' €156,247.[85] Ix-xhud jippreżenta ukoll l-*invoices* tax-xogħol kollu li l-kumpanija Jamar Malta Ltd għamlet lil Polidano Group.[86] Magħdud ma' dan ix-xhud ikkonferma l-kumpanija Jamar Malta Ltd applikat u bbukjat *stand* għall-fiera l-kbira;[87]

14. *Ix-Xhieda ta' Martin Casha in rappreżentanza ta' Wasteserv Malta Ltd*,[88] jikkonferma li l-kumpanija Jamar Malta Ltd għamlet diversi xogħolijiet lil Wasteserv Malta Ltd, liema xogħolijiet fil-maġġor parti tagħhom saru permezz ta' *tender*. Għal tali fini, ix-xhud jippreżenta dokument li jindika d-dati meta tkun ħarġet l-ordni, meta sar ix-xogħol, l-*invoice* tax-xogħol u d-deskrizzjoni tal-istess, għal liema xogħol il-kumpanija Jamar Malta Limited tħallset is-somma ta' €31,333.18;[89]

15. *Ix-Xhieda ta' Richard Aquilina in rappreżentanza ta' Scotts Supermarket*,[90] li jikkonferma li l-kumpanija Jamar Malta Ltd għamlet tlett (3) biċċiet xogħol, liema xogħol ġie mħallas kollu;[91]

16. *Ix-Xhieda ta' Norbert Gatt in rappreżentanza ta' Fortress Builders*,[92] li jikkonferma li kien hemm proġett u l-kuntratt ingħata lil Camray Co. Ltd. versu l-ammont ta' miljun u mitejn elf Ewro (€1,200,000), izda Camray Co. Ltd. kellha *sub-contract* ma' Jamar Limited.;

17. *Ix-Xhieda ta' Anton Vella in rappreżentanza ta' Malta Employers Association*,[93] li jikkonferma li l-kumpanija Jamar Limited ġiet mqabbda tlett (3) darbiet sabiex isir xi xogħol, u dan fis-sena 2014, 2015 u 2017. Ġie spjegat li x-xogħol fis-sena 2014 u 2017 kienu saru b'*direct order* b'*invoices* ta' €198 u €190 rispettivament. Ix-xogħol li sar fl-2015 kien jikkonsisti f'*turnkey project* li kien jiswa' €138,666.21;[94]

---

[85] Fol. 358 – 359.
[86] Fol. 360 – 380.
[87] Fol. 350 – 357.
[88] Fol. 397.
[89] Fol. 403.
[90] Fol. 398.
[91] Fol. 405 – 411.
[92] Fol. 399.
[93] Fol. 400.
[94] Fol. 413.

18. *Ix-Xhieda ta' J Baldacchino in rappreżentanza ta' l-Agency for the Welfare of Asylum Seekers*,[95] fejn jikkonferma li l-kumpanija Jamar Limited fl-2014 għamlet xi xogħol u dan versu l-prezz ta' €50,522.02, liema xogħol kien ingħata permezz ta' *tender*;[96]

19. *Ix-Xhieda ta' Pierre Sammut in rappreżentanza ta' MCAST*,[97] li jikkonferma li l-kumpanija Jamar Limited ġiet mqabda għal xi xogħolijiet, u kienet tiġi ukoll imqabbda l-kumpanija Rubyann Ltd li kienet ukoll tkun rappreżentata mill-konvenut;[98]

20. *Ix-Xhieda ta' Jimmy Mizzi in rappreżentanza ta' Malta International Airport*,[99] li jikkonferma li l-kumpanija Jamar Limited ġiet imqabda sabiex tagħmel xogħol ta' ħġieġ versu l-prezz globali ta' €12,504.46;[100]

21. *Ix-Xhieda ta' Karl Portelli in rappreżentanza ta' AX Construction Ltd*,[101] li jikkonferma li għall-aħħar xogħol fl-uffiċini l-ġodda kienet tqabdet il-kumpanija Jamar Limited, liema xogħol kien jammonta għal madwar €50,000;[102]

22. *Ix-Xhieda ta' Chris Vella Cesareo in rappreżentanza ta' Domestica Ltd*,[103] li jikkonferma li l-kumpanija Jamar Limited fil-passat kienet għamlet xi xogħol;

23. *Ritratti tal-konvenut mehuda mill-profil tiegħu stess fuq il-pjattaforma soċjali Facebook, li juru li l-konvenut iħobb isiefer* tant li, fost oħrajn, mar *skiing*,[104] *Parco Avventura* ġewwa l-Italja,[105] Milan fuq xogħol,[106] Sqallija,[107] għal kunċert barra minn xtutna,[108] l-Ingilterra,[109] l-iSvizzera,[110]

[95] Fol. 400.
[96] Fol. 414.
[97] Fol. 417.
[98] Fol. 421 – 439.
[99] Fol. 418.
[100] Fol. 440 – 443.
[101] Fol. 418.
[102] Fol. 444 – 445.
[103] Fol. 453.
[104] Fol. 507
[105] Fol. 508.
[106] Fol. 509.
[107] Fol. 510.
[108] Fol. 513.
[109] Fol. 515.
[110] Fol. 516

Brussell,[111] Ġermanja, l-Amerika, u l-Ġermanja, u dan is-safar kollu entro l-perjodu ta' madwar sentejn;

24. *Lista ta' messaġġi telefoniċi bejn il-partijiet li juru li l-konvenut dejjem kien tardiv fil-ħlas ta' manteniment*;[112]

25. *Xhieda tal-Ispettur Kyle Borg in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[113] fejn eżebixxa tlett (3) rapporti magħmula mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut, u ċjoe':

    (i) Rapport datat 1 ta' Awwissu 2015 minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għax-xahar ta' Ġunju 2015, iżda liema rapport waqa' hekk kif ġie ppruvat li M ħallas l-imsemmi manteniment;[114]
    (ii) Rapport datat 26 ta' Ottubru 2015 minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment sħiħ u kif ukoll tal-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, iżda ma jidhirx li ttieħdu passi kontra M;[115] u
    (iii) Rapport datat 24 ta' Ġunju 2016 minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment fil-ħin għax-xahar ta' Mejju 2016 u inħarġu l-akkużi kontra M.[116]

26. *Xhieda ta' WPC 99 Josette Pace in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[117] fejn eżebixxiet ħames (5) rapporti li saru mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut, u ċjoe':

    (i) Rapport datat 1 ta' Awwissu 2015;[118]
    (ii) Rapport datat 1 ta' Awwissu 2015;[119]
    (iii) Rapport datat 24 ta' Ġunju 2016;[120]
    (iv) Rapport datat 24 ta' Ġunju 2016'[121]
    (v) Rapport datat 6 ta' April 2017 minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għax-xhur ta' Frar u Marzu 2017, fejn M ikkonferma li

[111] Fol. 517.
[112] Fol. 483 – 505.
[113] Fol. 289.
[114] Fol. 291 – 293.
[115] Fol. 294 – 295.
[116] Fol. 296 – 297.
[117] Fol. 454.
[118] Fol. 457 – 459.
[119] Fol. 460 – 462.
[120] Fol. 463 – 465.
[121] Fol. 468 – 470.

kien ma ħallasx imma kien qiegħed jipprepara l-flus sabiex jagħtihom lil B.[122]

## 3. Il-Verżjoni tal-Konvenut:

Fl-affidavit tiegħu,[123] il-konvenut jispjega illi huwa missier ta' żewġt itfal, fosthom, J M li twieldet nhar il-5 ta' Ottubru 2008. Fil-fehma tiegħu, il-konvenut jgħid li *"nipprova mmantni lil uliedi mill-aħjar li nista' minkejja li ninsab imsallab bi spejjez u nfiq differenti"*. Il-konvenut jikkonferma illi huwa jmexxi u jiġġestixxi l-kumpanija bl-isem ta' Jamar Malta Limited bin-numru C 45236, iżda jispjega li minkejja li l-attriċi tipprova tagħti stampa ta' suċċess għan-negozju tal-konvenut, dan tal-aħħar jgħid illi *"il-business tiegħi għadu ħaj imma, bi tbatija kbira, qiegħed inzommu milli jegħreq, bejn sfortuni u spejjez, inkluz taxi u pagi tal-impjegati"*. F'dan il-kuntest, il-konvenut jagħti rendikont tal-isfortuni li għadda minnhom fin-negozju, ċjoe': (i) serqa ta' *car parts* li seħħet fit-23 ta' Ġunju 2001, liema serqa kienet tal-valur ta' €267,877, (ii) il-kumpanija tal-assigurazjoni bl-isem ta' Independent Insurance Co. Ltd., li magħha kienet assigurata l-kumpanija tal-konvenut, spiċċat sabet ruħha f'diffikultajiet finanzjarji u kkanċellat il-poloz kollha nhar il-21 ta' Awwissu 2001 inkluż dik li kienet tkopri lill-konvenut, u (iii) il-Kumpanija Jamar Co. Limited ġiet interpellata sabiex tħallas arretrati ta' VAT dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-somma ta' €13,757.28 (hekk imnaqqsa mis-somma oriġinali ta' €57,554.81).

Fid-dawl tal-premess, il-konvenut jgħid illi huwa joqgħod attent dwar l-infiq tal-flus u ta' spiss jispiċċa bid-dejn. Fir-rigward tas-safar li dwaru saħqet l-attriċi, il-konvenut jispjega illi għajr għal safra waħda ġewwa Sqallija fl-2017, is-safar kollu l-ieħor ma tħallasx minn butu, iżda mill-klijenti jew nies oħra bħala rigal. Għalhekk jikkontendi illi *"ma niflaħx izjed spejjeż. Naħseb li l-ammonti li qed titlob A huma esaġerati"*. F'dan ir-rigward, il-konvenut ikompli jispjega illi: (i) l-infiq tal-LSA kien żejjed jekk ma kienetx tiflaħ għalih, hekk kif tali servizz huwa pprovdut mill-Istat, (ii) l-ammont ta' madwar €60,000 kif pretiż mill-attriċi fil-prospett tagħha, fil-fehma tal-konvenut ma huwiex ġustifikabbli, (iii) ħafna mill-allegati spejjeż huma żejda, senjatament ġugarelli, *internet* u *television*, (iv) hemm diskrepanza bejn l-irċevuti ppreżentati mill-attriċi u dak pretiż minnha fl-affidavit u l-prospett tagħha, tant li fil-fehma tal-konvenut l-irċevuti ppreżentati

[122] Fol. 466 – 467.
[123] Fol. 968.

minnha jammontaw għal €35,886.14 u ċjoe’ kważi nofs ta’ dak indikat – liema somma fil-fehma tal-konvenut hija xorta waħda esaġerata.

Konsegwentament u fil-kontro-ezami tiegħu,[124] il-konvenut jikkonferma li jieħu għandu lil minuri darba matul il-ġimgħa bejn is-sitta (6:00) u d-disgħa (9) ta’ filgħaxija, u l-Ħadd wara nofsinhar. Magħud ma’ dan jikkonferma ukoll li l-istat tal-kumpanija tiegħu m’għadhiex f’sitwazzjoni ħazina bħal ma kienet u s-sitwazzjoni tjiebet għall-aħjar. Għaldaqstant jispjega li m’għadux fid-diffikulta’ li jħallas il-manteniment, kif ukoll l-ispejjeż edukattivi u ta’ saħħa. Il-konvenut jikkonferma illi f’dawn l-aħħar tlett (3) snin ilu xtara mutur tat-tip Kawasaki J300, mutur tat-tip Peugeot Belville, vettura tat-tip Peogeot 3008 għal tnejn u tletin elf Ewro (€32,000) li qiegħed jitħallas b’pagamenti mensili ta’ €518, u vettura oħra tat-tip Peugeot 107. Jingħad ukoll illi l-konvenut qiegħed fil-proċess li jiftaħ kumpless tax-xogħol ġewwa Ħaż-Żebbuġ u li minn butu ħallas tal-inqas is-safra hekk imsejħa bħala l-*Europe Tour* u kif ukoll l-ġita ġewwa l-Amerika li ġietu tiswa’ madwar elfejn Ewro (€2,000).

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut jippreżenta numru ta’ dokumenti u xhieda:

1. *Xhieda ta’ Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta’ Soċjali,*[125] li ppreżenta dokument li jistabbilixxi l-benefiċċji kollha li pperċepixxiet minnhom l-attriċi, *inter alia*: (i) *Children’s Allowance* sa mis-sena 2009 sal-preżent (data tax-xhieda Jannar 2020) f’total ta’ €5,513.51, u (ii) *Disabled Children’s Allowance* sa mis-sena 2012 sal-preżent (data tax-xhieda Jannar 2020) f’total ta’ €8,818.51,[126] li flimkien jammontaw għal €14,332.02;

2. *Kopja ta’ ittra datata 18 ta’ Settembru 2006 u miktuba minn Dr Godfrey Farrugia li titkellem dwar l-effett li ħalliet is-serqa fuq saħħet il-konvenut*;[127]

3. *Kopja ta’ ittra legali datata 2 ta’ Ottubru 2006 u miktuba minn Dr Jose Herrera f’isem il-kumpanija Jamar Limited bin-numru C 21383, fejn informa lid-Dipartiment tal-VAT dwar l-imsemmija serqa u ddeskriva lill-istess kumpanija bħala waħda falluta*;[128]

[124] Fol. 1220.
[125] Fol. 948, 950 – 955.
[126] Fol. 949.
[127] Fol. 973.
[128] Fol. 975.

4. *Kopja ta' Protest Ġudizzjarju pprezentat fl-2003 minn Jamar Limited* kontra B Insurance Agency Limited fil-kwalita' tagħha bħala aġent tas-Soċjeta' estera Independent Insurance Co. Ltd (Kumpanija in Likwidazzjoni) u l-istess B Insurance Agency bħala rapprezentanti tal-likwidaturi Price Water House Coopers u l-Malta Financial Services Authority;[129]

5. *Kopja ta' Ittra datata 18 ta' Settembru 2006 mibgħuta minn B Insurance Agency Ltd lill-konvenut bħala d-direttur ta' Jamar Limited*;[130]

6. *Kopja tal-Final Notice maħruġa nhar it-22 ta' Lulju 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali)* sabiex il-konvenut iħallas multa ta' €4,530, wara li kien instab ħati ta' xi reat mill-istess Qorti;[131]

7. *Kopji tal-korrispondenza elettronika bejn il-konvenut u Manfred Barbara bħala l-Assistent Direttur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*;[132]

8. *Avviz datat 19 ta' Settembru 2017 illi l-konvenut bħala d-Direttur ta' Jamar Malta Limited għandu jħallas is-somma ta' €44,406.09 f'taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali*;[133]

9. *Ftehim datat 17 ta' Jannar 2013 bejn l-Inland Revenue u l-konvenut*, fejn il-konvenut bħala d-Direttur tal-kumpanija Jamar Malta Limited aċċetta u ntrabat li jħallas it-taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali dovuti minnu fit-total ta' €18,137.65 b'pagamenti mensili sat-28 ta' Jannar 2017;[134]

10. *Ftehim datat 26 ta' Ottubru 2018 bejn l-Inland Revenue u l-konvenut*, fejn il-konvenut bħala d-Direttur tal-kumpanija Jamar Malta Limited aċċetta u ntrabat li jħallas it-taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali dovuti minnu fit-total ta' €27,767.75 b'pagamenti mensili sal-20 ta' Ottubru 2023;[135]

11. *Ftehim datat 3 ta' Jannar 2019 bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u l-konvenut bħala Direttur tal-kumpanija Jamar Malta Limited*, fejn il-konvenut aċċetta li għandu jirrifondi lura s-somma ta' €98,718.03, u l-Kummissarju tat-Taxxi

[129] Fol. 977.
[130] Fol. 978.
[131] Fol. 979.
[132] Fol. 980.
[133] Fol. 981.
[134] Fol. 982.
[135] Fol. 983.

qiegħed japprova l-maħfra ta' €28,489.25 mill-imgħax u penali amministrattivi biex b'hekk il-bilanċ dovut jonqos għal €70,228.78;[136]

12. *Kopja tal-atti tal-kawza fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs C M*, fejn il-bank intavola tali azzjoni ġialadarba huwa kien ikkonfermat bħala l-kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm79,378.32 u b'hekk talab lill-Qorti tordna l-bejgħ in subbasta tal-proprjeta' li tinsab f'isem il-konvenut,[137] inkluz id-digriet tal-Qorti datat 24 ta' Mejju 2006;[138]

13. *Skrittura privata bejn il-konvenut u missieru Joe M*, datata 5 ta' Novembru 2014, fejn ġie maqbul illi: (i) Joe M għandu jħallas lil ibnu l-konvenut is-somma ta' €91,599.26, u (ii) C J M għandu jħallas lil missieru Joe Mifsid is-somma ta' €29,279.60;[139]

14. *Kopja tal-kuntratt ta' kiri datat 19 ta' April 2012 tal-appartament bl-indirizz "14, Marika, Triq Mons. Alfons Caruana, Mqabba"*, versu l-prezz ta' €280 fix-xahar;[140]

15. *Kopja tal-kuntratt ta' kura, kustodja u manteniment tal-wild l-ieħor tal-konvenut* u atti oħra relattivi.[141]

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Kaz Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għal-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kaz odjern.

Fir-rigward ta' *manteniment*, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

[136] Fol. 984.
[137] Fol. 987.
[138] Fol. 986.
[139] Fol. 995.
[140] Fol. 996.
[141] Fol. 1001 – 1011;

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jewmatul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skontid-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149"*;

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulat skont id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu,

jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Magħdud ma' dan, u fir-rigward tal-obbligu ta' ġenitur li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Filippu Grech vs. Antonia Magri**,[142] li għallmet illi:

*"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**,[143] spjegat illi *"issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel"*. B'hekk appena missier jaċċetta volontarjament li jirrikonoxxi wild jew inkella permezz ta' sentenza jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Permezz tal-kawża odjerna, il-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tillikwida dik is-somma li tirrifletti dak li l-konvenut kellu jħallas bħala manteniment għat-trobbija tal-minuri mid-data tat-twelid sad-data li fiha beda jitħallas il-manteniment, u kif ukoll tillikwida dik is-somma bħala manteniment futur, filwaqt li tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attriċi tali somom.

[142] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar l-20 ta' Diċembru 1946.
[143] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet u provi mressqa miż-żewġ partijiet, il-Qorti sejra sabiex tevalwa l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut. Il-konvenut jissolleva diversi eċċezzjonijiet kemm għal kwistjoni tal-manteniment passat, u kif ukoll għall-manteniment futur.

Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet sollevati għal dik il-parti mit-talba *"għall-ħlas ta' somma lill-attriċi għall-manteniment tal-minuri mid-data tat-twelid sad-data tas-sentenza effettiva"*, il-konvenut jissolleva żewġ eċċezzjonijiet. L-ewwel eċċezzjoni rigward il-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet deċiża preliminarjament permezz ta' sentenza parzjali datata 14 ta' April 2016, fejn il-Qorti ċaħdet tali eċċezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Konsegwentament u fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni, il-Qorti tara li ma ġiex ippruvat mill-konvenut illi qabel ma nbdiet din l-azzjoni *"huwa kien qed jipprovdi ghal minuri, kemm finanzjarjament kif ukoll b'mezzi u modi ohra u dan a sodisfazzjon ta' l-attrici u bi qbil maghha"*.[144] Ir-raġunamet tal-konvenut illi *"Tant hu hekk illi qabel it-30 ta' Marzu, 2015, l-attrici ma ghamlet l-ebda talba sabiex jinhareg digriet minn din l-Onorabbli Qorti li jordna lill-esponent ihallasha manteniment ghall-minuri"*, ma jreġix. Il-fatt li l-attriċi damet sas-sena 2015 sabiex tressaq tali talba, minnha nnifisha ma tistabbilixxix prova li kien hemm xi tip ta' ftehim bejn il-partijiet jew li l-konvenut kien qiegħed jgħaddi manteniment regolari lill-attriċi għat-trobbija ta' bintu – kieku dan kien minnu, il-konvenut kien iressaq il-provi dokumentarji jew *viva voce* neċessarji sabiex jikkorrabora dan, madanakollu huwa għazel li dan ma jagħmlux. Magħdud ma' dan, il-Qorti tfakkar ukoll illi qabel it-2 ta' Diċembru 2014 l-attriċi ma kellha l-ebda possibilita' li titlob il-manteniment minn għand il-konvenut stante li dak iż-żmien kien għadu mhux dikjarat u reġistrat bħala l-missier naturali tal-minuri, u b'hekk ma kien hemm xejn x'jikkonstrinġi lill-konvenut sabiex iħallas manteniment għal J M in vista li l-minuri kienet għadha mniżżla bħala bint missier mhux magħruf. Magħdud ma' dan, il-Qorti bil-wisq temmen li t-trapass ta' sitt snin altru milli jikkonfermaw l-allegat ftehim iżda jekk xejn jikkonferma bi sħiħ it-tama' tal-attriċi li xi darba l-konvenut ser jiftaħ għajnejh u minn rajh ser jirrikonoxxi lil bintu u jibda jonora l-obbligi naxxenti minn tali rikonoxximent. Għaldaqstant tali eċċezzjoni qed tiġi respinta.

Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet sollevati għal dik il-parti mit-talba "*ghall-kundanna ta' hlas ta' somma giornaliera lill-attrici ghall-manteniment futur tal-minuri"*,

[144] Fol. 21.

il-konvenut jissolleva erba' (4) eċċezzjonijiet oħra. *Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni* illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda stante li *"ai termini ta' Artikoli 3, 3B u 7(1) tal-Kap 16, l-attrici ghandha l-obbligu, daqs l-esponent, li tikkontribwixxi ghall-htigijiet tal-minuri (...) kwalunkwe kundanna ghall-hlas ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet kontendenti"*, il-Qorti tara li l-interpretazzjoni li qiegħed jagħti l-konvenut lit-talba attriċi hija waħda illużjonarja u mġebbda għall-aħħar, fejn qiegħed sempliċiment jittenta jtappan l-intenzjoni vera tal-attriċi wara l-azzjoni odjerna. Huwa għib għall-konvenut li jittenta jdawwar il-pretensjoni tal-attriċi b'tali mod, meta mill-atti jirriżulta b'mod ċar illi sa mit-twelid tal-minuri u in vista li l-konvenut ma riedx ikollu x'jaqsam mat-trobbija tal-minuri, l-attriċi li kellha u għad għandha impjieg fiss, aċċettat li taħseb għal kollox waħedha għal dak li għandu x'jaqsam mal-manteniment u trobbija tal-minuri skont Artikolu 3, 3B u 7(1) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-fehma tal-Qorti, il-pretensjoni tal-attriċi hija ċara u ugwali għal bosta talbiet oħra li saru quddiem din il-Qorti minn ġenituri bħalha, u in *breve parole* l-attriċi qiegħda titlob li l-piż tat-trobbija ma tibqgħax iġġorru waħedha iżda jinqasam mal-konvenut billi jiġi kkundannat iħallas manteniment għal bintu bħala sehmu għat-trobbija tal-istess bintu ġialadarba l-minuri ma tirrisjedix miegħu. Dan jirrifletti l-pożizzjoni tal-liġi u l-insenjament tal-Qorti, fejn din tal-aħħar dejjem irribadiet illi *"l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew single-parents, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut"*.[145] Għaldaqstant u ġialadarba t-talba tal-attriċi hija ċara u fil-parametri tal-liġi, din l-eċċezzjoni qed tiġi mwarba.

*Fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni*, fejn il-konvenut jisħaq illi "*is-servizzi socjali li tintassa l-attrici jiehdu hsieb il-kondizzjoni ta' awtizmu tal-minuri. Di piu' l-attrici ma wrietx li, oltre l-ghajnua socjali, l-minuri ghandha bzonn Euro 400 f'manteniment"*, il-Qorti tagħmilha ċara illi c-*Children's Allowance* u benefiċċji soċjali oħra li l-ulied jistgħu ikunu eleġibbli għalihom, ma jistgħux jintużaw bħala skuża minn xi ġenitur sabiex jittenta jiġi diżonerat mill-obbligu tiegħu ta' ġenitur li jikkontribwixxi għat-trobbija u manteniment ta' uliedu. Il-Qorti tara li mill-atti

[145] Ara s-sentenzi fl-ismijiet: (i) **Anita Magro vs Kenneth Cassar**, (Rikors Numru 262/2014 AL), deċiża minn din il-Qorti nhar il-15 ta' April 2021, (ii) **Joseph Caruana vs Claudette Camilleri**, (Rikors Numru 23/2015 AL), deċiża nhar is-27 ta' Mejju 2021, (iii) **Mark Micallef pro et noe vs Ramona Caruana**, (Rikors Numru 140/2019 AL), deċiża nhar is-27 ta' Mejju 2021, (iv) **Mary Ann Buhagiar vs Stefan Farrugia**, (Rikors Numru 64/2017 AL), deċiża nhar l-14 ta' Ottubru 2021, (v) **Diane Pace vs Kenneth Pace**, (Rikors Numru 78/2019), deċiża nhar it-2 ta' Diċembru 2021.

jirriżulta ampjament ċar li l-minuri tbati mill-kundizzjoni tal-awtiżmu, u kif ikkonfermat fix-xhieda ta' Yanika Attard bħala speċjalista fl-awtiżmu u in rappreżentanza ta' *The Malta Autism Centre*, il-minuri għandha komunikazzjoni limitata u b'hekk għandha bżonn sapport għal bqija ta' ħajjitha, liema sapport u terapija jinvolvu spejjeż ulterjuri.[146] Għaldaqstant is-somma annwali ta' €1,040 *f'Disabled Children's Allowance* qiegħda tiġi pperċepita sabiex tassisti lil ġenituri fl-ispejjeż tagħhom relatati mal-kundizzjoni li tbati minnha l-minuri u għandha tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti fil-likwidazzjoni tagħha tal-manteniment. Madanakollu dan ma għandux ifisser illi tali benefiċċju għandu jieħu post il-manteniment. Barra minn hekk ma huwiex minnu illi l-attriċi ma wrietx illi *oltre* l-benefiċċji soċjali hija għandha bżonn manteniment minn għand il-konvenut, hekk kif fil-mori ta' din il-kawża l-attriċi resqet prospett u numru ta' rċevuti sabiex tistabbilixxi l-infiq tagħha għal minuri. Pero' għandu jkun eżerċizzju ta' din il-Qorti illi f'każ li l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut jiġu miċħuda, hija tgħaddi sabiex tevalwa l-prospett u l-irċevuti ppreżentati mill-attriċi sabiex tillikwida dik iċ-ċifra li l-konvenut għandu jkun obbligat iħallas bħala manteniment tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni tal-konvenut ukoll qiegħda tiġi miċħuda.

*Fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni*, il-konvenut jilmenta illi ma jistgħax iħallas manteniment ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar ġialadarba skontu f'każ li jkollu jħallas dan il-manteniment għal minuri huwa ser ikollu diffikulta' finanzjarja stante l-mezzi limitati tiegħu u l-obbligi finanzjarji li huwa għandu. Il-konvenut ipprova ħafna jikkonvinċi lil Qorti illi l-mezzi tiegħu huma miżeri tant li jallega li jkollu eżatt flus biex jgħaddi fix-xahar, u *di piu'* li mhux l-ewwel darba li fl-aħħar tax-xhar jispiċċa bid-dejn. Il-konvenut jittenta jiġġustifika din l-eċċezzjoni tiegħu billi jisħaq illi: (i) il-mezzi tiegħu fix-xahar huma ta' medja ta' €832.05 fix-xahar, (ii) għandu dejn konsiderevoli mal-HSBC Bank Malta plc, mal-aħwa Debattista, ma' missieru Joe M, u mad-Dipartiment tal-VAT, (iii) irid iħallas €150 f'manteniment fix-xahar għal ibnu minn relazzjoni oħra, u (iv) irid iħallas ukoll kirja ta' €280 fix-xahar għar-residenza tiegħu. Għal dawn il-hekk imsejħa *'raġunijiet'*, li għal Qorti ma huma xejn għajr skuzi, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

(i) Il-konvenut huwa *self-employed* u jmexxi zewġ (2) kumpaniji u ċjoe' Jamar Limited u Jamar Malta Limited, li għalkemm fl-isem huma ferm simili,

[146] Fol. 323.

huma zewġ (2) kumpaniji separati u legalment distini minn xulxin. Il-konvenut ma tantx jittenta jagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ kumpaniji, iżda għalkemm mill-atti jirriżulta li Jamar Limited ġiet misrqua lura fl-2001, mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti jidher illi Jamar Malta Ltd tidher li hija kumpanija li qiegħda tifjorixxi tant illi l-istess kumpanija: (i) rebħet diversi *tenders* u ħadet diversi xogħolijiet minn għand kumpaniji kbar, (ii) fuq il-profil tal-kumpanija stess fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook* hemm diversi *reviews* tajbin, (iii) minn żmien għal żmien dejjem toħroġ sejħiet għal prospettivi ta' xogħol b'remunerazzjoni attrajenti, u (iv) il-konvenut stess ikkonferma li l-kumpanija ser tiftaħ kumpless ġdid ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Barra minn hekk, fl-aħħar kontro-eżami tiegħu, il-konvenut jikkonferma illi li l-istat tal-kumpanija tiegħu m'għadhiex f'sitwazzjoni ħazina bħal ma kienet u s-sitwazzjoni tjiebet għall-aħjar;

(ii) Iż-żewġ kumpaniji għandhom dejn mal-Istat, izda li dwarhom il-konvenut għal darba, darbtejn, irnexxielu jottjeni diversi maħfriet u laħaq numru ta' ftehim dwar il-mod kif huwa jista' u għandu jħallas tali dejn. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti għandha l-fiduċja sħiħa li l-awtoritajiet governattivi kkonċedew dawn il-maħfriet u leħqu tali ftehim mal-konvenut wara li huma għarblu sew l-interessi tagħhom u kif ukoll il-garanziji li seta' jipprovdilhom il-konvenut fiċ-ċirkostanzi, ċjoe' li kien fil-possibilita' li jħallas tali dejn fuq perjodu ta' żmien. Altrimenti l-Qorti ma għandhiex l-iċken dubju li kieku dan mhux minnu, l-awtoritajiet kkonċernati kienu jkunu fl-obbligu li jieħdu passi ulterjuri fil-konfront tal-konvenut u dan skont is-seta' li tatihom il-liġi;

(iii) Il-konvenut għandu ukoll dejn mal-HSBC Bank Malta plc u dan rigward *business loan,* liema self fil-fehma tal-Qorti ngħata lill-konvenut mill-bank in kwistjoni wara li dan kien fiċ-ċert li l-konvenut għandu assi bizzejjed biex iħallas lura tali self. Barra minn hekk, apparti l-atti ppreżentati mill-konvenut dwar l-azzjoni ta' subbasta li ħa l-bank stess kontra tiegħu, ma jirriżultax lill-Qorti li l-bank għandu azzjonijiet oħra pendenti;

(iv) Permezz ta' żewġ dokumenti mhux iffirmati, il-konvenut jallega dejn ma' missieru u ma' terzi persuni hekk imsejħa 'l-aħwa Debattista', iżda dan id-dejn bl-ebda mod ma ġie ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi u b'hekk il-Qorti mhux sejra tieħu konjizzjoni tiegħu;

(v) Fil-bidu tal-azzjoni odjerna, il-konvenut jisħaq u jikkorrabora permezz ta' kuntratt ta' kiri, illi huwa jirrisjedi f'appartament mikri lilu bl-indirizz ta' *"14, Marika, Triq Mons. Alfons Caruana, Mqabba"* versu l-prezz ta' €280 fix-xahar. Madankollu minn dokument ezebit mill-konvenut stess fil-mori tal-kawza, jirriżulta li tal-inqas mid-data tal-istess dokument u ċjoe' 3 ta' Jannar 2019, il-konvenut beda jirrisjedi fl-indirizz *"85, Dor Joe, Olive Street, Żebbuġ"*.[147] Fuq dan l-indirizz il-konvenut ma ppruvax illi qiegħed iħallas xi kirja, u b'hekk jirriżulta li l-konvenut fil-preżent m'għadx għandu l-obbligu finanzjarju fix-xahar li jħallas il-kirja tar-residenza tiegħu;

(vi) Il-konvenut għandu wild ieħor minn relazzjoni oħra, u għal tali iben il-konvenut iħallas il-manteniment ta' €150 fix-xahar u dan kif ikkorraborat permezz ta' kuntratt iffirmat mill-konvenut u H P. F'dan il-kuntest il-Qorti tirribadixxi illi *"Lanqas ma hija skuża għall-konvenut li għandu ulied oħra x'imantni minn relazzjoni sussegwenti. L-ulied huma kollha xorta u f'kull każ ladarba ġab l-ulied fid-dinja huwa obbligu tiegħu u ta' l-omm li jmantnihom"*;[148]

(vii) Fil-bidu tal-proċeduri l-konvenut vvanta li l-introjtu nett tiegħu fix-xahar huwa dak ta' madwar €832.05 u dan mill-kumpanija li huwa jmexxi u jiġġestixxi. Konsegwentament u fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu il-konvenut jgħid illi *"ir-rikorrenti naqset milli tikkonsidra li, mill-ħlas tax-xogholijiet tieghu, l-intimat ikun irid inaqqas il-pagi tal-haddiema tieghu, l-ispejjez tal-kumpannija u tal-materjali kif ukoll il-pagamenti dwar id-djun hawn fuq indikati bir-rizultat illi l-intimat bil-hniena jkun ghad fadallu ntrojtu bizzejjed biex jghajjex lilu nnifsu"*.[149] Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li mill-qligħ li l-konvenut jagħmel mix-xogħol tiegħu huwa jagħmel il-ħlasijiet imsemmija hekk kif wara kollox huwa obbligat li jagħmel, madanakollu ma temminx illi l-konvenut jinsab f'sitwazzjoni prekarja bħalma qiegħed jittenta li jbenġilha ma' din il-Qorti. Kieku l-konvenut verament jinsab f'sitwazzjoni li *'bil-ħniena jgħajjex lilu nnifsu'*, il-Qorti ssaqsi kif allura l-konvenut xtara l-vettura tat-tip Peugeot 3008 versu l-prezz ta' €32,000 u daħal f'obbligu li jħallas pagamenti ta' €518 fix-xahar? Minn fejn qiegħed iġib il-flus sabiex jibda proċess għal ftuħ ta' kumpless ta'

---

[147] Fol. 984.
[148] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Frar 2009.
[149] Fol. 1305.

xogħol ġewwa ħaż-Żebbuġ? Kif qiegħed ikompli jingaġġa n-nies mal-kumpanija u *per konsegwenza* qiegħed ikompli jżid mal-ħlas tal-pagi? Kif ikompli jippjana s-safar, liema uħud minnhom saru saħansitra ġo kontinenti oħra, meta jallega li lanqas għandu biex jgħajjex lilu nnifsu? Fil-fehma tal-Qorti, ir-risposta hija waħda – il-verżjoni tal-konvenut hija inverosimili u mhux kredibbli. Fil-fatt kien hu stess li finalment ikkontradixxa lilu nnifsu meta ddikjara u kkonferma li m'għadux fid-diffikulta' li jħallas il-manteniment għal minuri J M, kif ukoll l-ispejjeż tagħha relatati mal-edukazzjoni u s-saħħa.[150]

Fid-dawl tal-premess, b'mod partikolari għad-dikjarazzjoni tal-konvenut fil-kontro-eżami tiegħu, il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni.

Stabbilit illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma ġewx milqugħa, il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba attriċi timmerita li tiġi milqugħa, ċjoe' il-konvenut għandu jmantni lit-tifla minuri mid-data tat-twelid għaliex huwa ċar li l-obbligu jitwieled mat-twelid tat-tarbija – salv preskrizzjonijiet li f'dan il-każ ma hemmx. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi għall-eżerċizzju ta' likwidazzjoni ta' manteniment passat u futur li huwa dovut mill-konvenut lill-attriċi għan-nom tal-minuri. Għal dan l-eżerċizzju, il-Qorti ser tieħu konjizzjoni tal-atti pprezentati, inkluż il-prospett tal-attriċi,[151] il-kalkoli tal-attriċi,[152] in-nota bi spjegazzjoni u rċevuti tal-attriċi,[153] u s-sottomissjoni finali tal-attriċi kif dedotti fin-nota ta' nhar it-23 ta' Settembru 2021,[154] u s-sottomissjonijiet finali tal-konvenut kif dedotti fin-nota ta' nhar it-22 ta' Novembru 2021.[155]

***Likwidazzjoni ta' Manteniment Passat Dovut mill-Konvenut mid-data tat-Twelid tal-Minuri J M sat-30 ta' Marzu 2015 u ċjoe' d-data li għaliha ssir referenza fid-Digriet Pendente Lite tat-13 ta' Mejju 2015:***

Mill-provi u sottomissjonijiet li għandha quddiemha l-Qorti rat illi:

[150] Fol. 1220.
[151] Fol. 528.
[152] Fol. 577.
[153] Fol. 602.
[154] Fol. 1288.
[155] Fol. 1299.

i. Fil-prospett tal-attriċi msemmi bħala *"spejjeż inkorsi minni għat-trobbija ta' binti J M"*,[156] jiġu elenkati s-segwenti spejjeż: (i) ikel,[157] (ii) nappies,[158] (iii) deterġenti u *toiletries*,[159] (iv) ħwejjeġ,[160] (v) ġugarelli,[161] (vi) spejjez ta' dawl, ilma, internet, television, u *fuel*,[162] (vii) spejjeż ta' edukazzjoni inkluz miżata tal-iskola, kotba, *stationery*, uniformi, transport, skola sajf,[163] (viii) LSA,[164] (ix) spejjez ta' saħħa,[165] (x) *autism fee*,[166] u (xi) spejjez inkorsi darba biss,[167] ***li fimkien jammontaw għal €61,043 u b'hekk skont l-attriċi sehem il-konvenut li jrid jiġi rifuż lura huwa dak ta' €30,521.50***;

ii. Flimkien mal-premess, l-attriċi titlob ukoll l-ispiża ta' €2,178 minfuqa mill-attriċi f'attivitajiet extra-kurrikulari, ċjoe' it-tagħlim tal-pjanu u l-arti, u ***b'hekk skont l-attriċi, flimkien mas-somma surreferita l-konvenut jrid jirrifondi lura ukoll is-somma ta' €1,089***;[168]

iii. Permezz ta' nota,[169] l-attriċi ppreżentat diversi rċevuti li jammontaw hekk: (i) l-ispejjeż tad-dawl u ilma f'total ta' €3,310.84,[170] (ii) affarijiet tal-iskola li jinkludu uniformi, *stationery*, ħruġ tal-iskola, miżati, u LSA f'total ta €8,487.88,[171] (iii) privat f'total ta' €540,[172] (iv) *autism fee* f'total ta' €4,600,[173] (v) lezzjonijiet tal-pjanu f'total ta' €1,499.06,[174] (vii) lezzjonijiet

[156] Spejjeż inkorsi fuq perjodu ta' sitt snin u nofs.
[157] Li jinkludi frott, ħaxix, laħam, tiġieġ, ħut, ilma, xorb, ikel ieħor, ħalib tal-formula, yogurt u ħalib, li flimkien jagħtu total ta' €18,790.
[158] Total ta' €2,800.
[159] Li jinkludu *bottles* u gazazi, li flimkien jagħtu total ta' €7,550.
[160] Total ta' €12,200.
[161] Total ta' €1,300.
[162] Total ta' €4,128.
[163] Total ta' €5,395.
[164] Total ta' €1,119.
[165] Total ta' €2,400.
[166] Total ta' €3,600.
[167] Total ta' €1,761.
[168] Li jinkludu lezzjonijiet tal-arti fit-total ta' €190, spejjez ta' kiri tal-pjanu u *tuning* tiegħu fit-total ta' €1,060, u spejjez tal-lezzjonijiet tal-pjanu fit-total ta' €928.
[169] Fol. 1279.
[170] Fol. 606 – 717 li huma l-kontijiet tad-dawl u ilma maħruġa fuq ir-residenza li fiha għixet il-minuri fil-perjodu bejn Ġunju 2009 sa Mejju 2019 li jammotaw għal €11,970.30. Izda minn Ġunju 2009 sa April 2011 l-ammont ta' dawl u ilma kien dak ta' €3,819.16 u kienu rreġistrati li qegħdin jgħixu tlett (3) persuni u b'hekk kull persuna nkorriet €1,273.05. Minn Ġunju 2011 sa Mejju 2019 l-ammont ta' dawl u ilma kien dak ta' €8,151.14 u kienu rreġistrati erba' (4) persuni u b'hekk kull persuna nkorriet is-somma ta' €2,037.79. Għaldaqstant il-minuri nkorriet total ta' €3,310.84.
[171] Fol. 718 – 777,
[172] Fol. 778 – 788.
[173] Fol. 789 – 802.
[174] Fol. 803 – 807.

tal-arti f'total ta' €310,[175] (viii) transport f'total ta' €1,210,[176] (x) spejjeż mediċi f'total ta' €438.12,[177] (xi) spejjeż ta' ħwejjeġ, *groceries* u żraben f'total ta' €752.04,[178] (xii) kontijiet tat-television, internet, telefon u mobile f'total ta' €4,497.87,[179] u ***b'hekk l-irċevuti flimkien jammontaw għas-somma globali ta' €25,645.81***;

iv. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tagħmel lista taħt is-sub-titolu msemmi *"Ammonti Dovuti"*, fejn mill-ġdid telenka u taġġorna dak kollu pretiż minnha, u ċjoe': (i) spejjeż ta' kuljum mit-twelid tal-minurisad-data tal-ewwel digriet tat-13 ta' Mejju 2015 fl-ammont ta' €61,043, (ii) lezzjonijiet tal-arti fl-ammont ta' €190, (iii) kiri, *tuning* u lezzjonijiet tal-pjanu fl-ammont ta' €1,988, (iv) *Autism Specialised Intervention* fl-ammont ta' €6,400, (v) spejjeż ta' saħħa fl-ammont ta' €1,477.62, (vi) spejjeż ta' kuljum fl-ammont ta' €599.66, (vii) kontijiet ta' television, internet, telefon u mobile fl-ammont ta' €5,067.91, (viii) spejjeż ta' edukazzjoni fl-ammont ta' €11,502.88, (ix) kontijiet tad-dawl u ilma fl-ammont ta' €2,589.59, ***li flimkien jammontaw għas-somma ta' €90,858.68, u b'hekk skont l-attriċi sehem il-konvenut li jrid jiġi rifuż lura huwa dak ta' €45,429.34.***

Għaldaqstant u mis-suespost jirriżulta ċar li ċ-ċifri mitluba mill-attriċi ma humiex konsistenti, bir-riżultat li l-aħħar ċifra mitluba fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija ferm superjuri għal dik pretiża minnha stess fil-prospett eżebit. Barra minn hekk, il-Qorti tara li fi kwalunkwe każ l-irċevuti eżebiti jikkorraboraw frazzjoni żgħira tas-somma kif mitluba mill-attriċi.

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi l-aħħar ċifra ta' €90,858.68 hija esaġerata. Ġie osservat illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi ttentat tiżgwida lill-Qorti billi elenkat iċ-ċifra ta' €61,043 bħala *'spejjez ta' kuljum mit-twelid tal-minuri sad-data tal-ewwel digriet tat-13 ta' Mejju 2015'* u magħha żiedet mill-ġdid: (i) spejjeż ta' saħħa, (ii) spejjeż ta' edukazzjoni, (iii) spejjeż relatati mal-awtiżmu, (iv) spejjeż tad-dawl u ilma, u (v) spejjeż oħra ta' kuljum. Madanakollu u proprju għaliex il-Qorti tevalwa sew l-atti li jkollha quddiemha, hija konsapevoli li ċ-ċifra ta' €61,043 ma hijiex somma li sempliċiment tiġbor fiha l-

[175] Fol. 808 – 811.
[176] Fol. 839 – 840.
[177] Fol. 841 – 860.
[178] Fol. 861 – 870, liema rċevuti jammontaw għal €752.04.
[179] Fol. 871 – 944, li jammontaw għal €4,497.87 għal perjodu bejn Lulju 2010 u Ġunju 2019.

ispejjeż ta' kuljum, iżda kienet **diġa' oriġinarjament** tinkludi l-ispejjeż kollha inkorsi mill-attriċi għat-trobbija ta' J M għal perjodu ta' sitt snin u nofs u dan kif ikkorraborat mill-prospett tal-attriċi stess. Għaldaqstant, il-Qort qiegħda twarrab għal kollox il-pretensjoni li l-konvenut għandu jirrifondi is-somma ta' €45,429.34 kif ikkalkolata mill-attriċi.

Fir-rigward tal-irċevuti, il-Qorti tara li għalkemm l-attriċi tammetti li hemm numru ta' rċevuti neqsin, hija tkompli tgħid illi madanakollu ċ-ċifri elenkati minnha huma vertiera għax *"l-esponenti tikkonferma taht gurament fil-kontro-ezami taghha illi ghandha ircevuti neqsin u ma ghandhiex ghalfejn ma titwemminx".*[180] Min-naħa l-oħra, il-konvenut jisħaq illi *"meta jigu ezaminati fid-dettall l-ircevuti tal-ispejjez li nefqet ir-rikorrenti u jigu paragonati mad-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti, jirrizulta illi (...), kif ukoll nuqqas kbir ta' prova li turi li r-rikorrenti verament nefqet l-ispejjez li allegat waqt il-proceduri tal-kawza, u lanqas ma gabet provailli l-ispejjez gew inkorsi ghall-minuri J M. Illi, ghalhekk, il-principju bazilari tad-dritt procedurali illi min jallega jrod jipprova jew – "Onus probandi incmbit qui dicit non ei qui negat", ma giex sodisfatt in toto min-naha tar-rikorrenti, stante illi hemm hafna evidenza nieqsa da parti taghha".*[181]

Il-Qorti tifhem l-argumenti taż-żewġ partijiet, iżda hija tibqa' tal-opinjoni li f'kawżi ta' din in-natura wieħed irid ikun prattiku. Fil-każ odjern huwa stat ta' fatt li sabiex il-minuri trabbiet <u>esklussivament</u> minn ommha għal sitt snin u nofs sħaħ, din kellha tipprovdi għaliha bl-għaraq ta' xbinha kuljum – għaldaqstant u kif jirriżulta ukoll mill-atti, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-attriċi xtrat u nefqet il-flus fuq il-minuri bl-intiża li din ma jkun jonqosha xejn. Għalkemm l-irċevuti huma importanti, fil-prattika huwa diffiċli mmens għal ġenitur li joqgħod jerfa' <u>kull irċevuta</u> rigwardanti l-minuri sa mid-data tat-twelid. Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha. Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti

[180] Fol. 1288.
[181] Fol. 1303.

għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**,[182] fejn ġie ribadit illi: *"jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[183]".*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ser tgħaddi sabiex abbażi tal-provi li għandha quddiemha u l-osservazzjoni tagħha, tgħaddi għal-likwidazzjoni ta' dik is-somma li l-konvenut għandu jħallas bħala sehmu f'manteniment versu bintu minuri J M mid-data tat-twelid sat-30 ta' Marzu 2015. Fil-kalkolu tagħha l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni illi:

i. L-attriċi tikkonferma illi għall-ewwel sitt snin u nofs tal-ħajja tat-tifla, il-konvenut pprovda mhux iktar minn elfejn Ewro (€2,000) għall-bżonnijiet tal-istess minuri;[184]

ii. Il-ġurisprudenza nostrana tikkonferma illi l-ħtiġijiet ta' tarbija fl-ewwel żmien ta' ħajjitha huma konsiderevoli - *"Meta tqis li, ghall-ewwel sentejn u disa' xhur mit-twelid, il-htigijiet tat-tarbija jkunu kbar hafna, kontribuzzjoni ta' €3,689.73, piu` d-Lm900 jew (€2,096.44) li hallas minn rajh, zgur ma tistax titqies somma esagerata jew irragjonevoli"*;[185]

iii. Fix-xhieda ta' Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali, jiġi kkonfermat illi l-attriċi bdiet tipperċepixxi c-*Children's Allowance* sa mill-11 ta' Ottubru 2008 fis-somma ta' madwar €42.25 fix-

[182] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[183] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
[184] Ara l-affidavit tal-attriċi, a fol. 478a.
[185] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs Elvin Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.

xahar,[186] filwaqt li d-*Disabled Children's Allowance* sa mill-10 ta' Settembru 2011 fis-somma ta' madwar €79.84 kull xahar[187];[188]

iv. Il-minuri bdiet it-terapija għal awtiżmu sa mill-eta' 3 snin u ċjoe' minn Ottubru tal-2011.

Fil-preżent huwa nkonċepibbli illi l-Qorti tordna manteniment ta' inqas minn €200 fix-xahar. Mill-atti jirriżulta illi l-Qorti kienet diġa' tat digriet nhar it-13 ta' Mejju 2015 li permezz tiegħu ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta' Marzu 2015, liema manteniment kellu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, liema manteniment kien jinkludi nofs l-ispejjeż tas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Għaldaqstant, tenut kont tal-provi li għandha quddiemha, ser tordna lill-konvenut iħallas:

i. Dan l-ammont ta' €200 kull erba' ġimgħat bħala manteniment b'effett mid-data tat-twelid sal-aħħar ta' Marzu 2015, li flimkien jammontaw għal **€16,800**;[189]

ii. L-ammont ta' €75 kull erba' ġimgħat bħala sehem il-konvenut għall-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet oħra, b'effett mid-data tat-twelid sal-aħħar ta' Settembru 2011, ċjoe' sakemm il-minuri ġiet iċċertifikata li tbati mill-kundizzjoni tal-awtiżmu, li flimkien jammontaw għal **€2,925**;[190]

iii. L-ammont ta' €120 kull erba' (4) ġimgħat bħala sehem il-konvenut għall-ispejjeż ta' saħħa (inkluż *autism fee*), edukazzjoni (inkluż miżati tal-iskola, transport, uniformi, kotba, *stationery*, servizz ta' LSA, skola sajf u privat), u attivitajiet oħra (inkluż passatempi u ħruġ),[191] b'effett mill-bidu ta' Ottubru

---

[186] Ara fol. 949: €666.44 + €524.16 + €512.27 + €507.26 + €480.22 + €450.32 + €112.59 (€450.32/12 = €37.53 x 3 xhur – Jannar, Frar, Marzu 2015 = €112.59) = €3,253.26 għal 77 xahar (ċjoe' minn Ottubru 2008 sa Marzu 2015). Għaldaqstant €3,253.26/77 = €42.25 fix-xahar.

[187] Ara fol. 949: €1125.39 + €848.12 + €1040 + €260 (€1040/12 = €86.96 x 3xhur – Jannar, Frar, Marzu 2015 = €260) = €3,273.51 għal 41 xahar (ċjoe' minn Ottubru 2011 sa Marzu 2015). Għaldaqstant €3,273.51/41 = €79.84 fix-xahar.

[188] Fol. 949.

[189] Ikkalkulata abbazi ta' 84 xhar (2008 – 3 pagamenti, 2009 – 13 pagamenti, 2010 – 13 pagamenti, 2011 – 13 pagamenti, 2012 – 13 pagamenti, 2013 – 13 pagamenti, 2014 – 13 pagamenti, 2015 – 3 pagamenti).

[190] Ikkalkulata abbażi ta' 39 xhar (2008 – 3 pagamenti, 2009 – 13 pagamenti, 2010 – 13 pagamenti, 2011 – 10 pagamenti).

[191] Il-Qorti waslet għal din iċ-ċifra hekk kif ħadet in konsiderazzjoni li b'mod approssimattiv li l-minuri kienet tirrikjedi fuq bażi annwali: (i) €2,000 fi spejjeż ta' edukazzjoni, (ii) €700 fi spejjeż ta' saħħa, (iii) €800 fi spejjeż rigward l-awtiżmu, (iv) €500 fi spejjeż ta' ħruġ in ġenerali, li flimkien jammontaw għal €4,000 fis-sena. Għaldaqstant jekk is-somma ta' €4,000 tiġi diviża bi 13-il pagament, il-Qorti jkollha ċ-ċifra ta' €308 – liema somma hija dik iċ-ċifra li l-minuri kienet tirrikjedi kull erba' (4) ġimgħat. Minn tali somma, il-Qorti naqset iċ-

2011 u ċjoe' meta l-minuri ġiet iċċertifikata li tbati mill-kundizzjoni tal-awtiżmu, sal-aħħar ta' Marzu 2015, li flimkien jammontaw għal **€5,400**;[192]

iv. L-ammont ta' €2,000 li l-attriċi ddikjarat li l-konvenut kien pprovdilha għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' darba li hija nkorriet hekk kif elenkati minnha, dwar liema għalkemm ma ġietx pprovduta rċevuta l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dawn xtrathom.[193]

Għaldaqstant, il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' **€25,125** lill-attriċi, rappreżentanti sehmu bħala manteniment għal minuri J M għal perjodu bejn il-5 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Marzu 2015.

***Likwidazzjoni ta' Manteniment Dovut mill-Konvenut mit-30 ta' Marzu 2015 sad-data li din id-Deċiżjoni tgħaddi in Ġudikat:***

Il-Qorti tara illi fil-mori ta' din il-kawża ngħataw tlett (3) digrieti *pendente lite*:

i. Digiret datat 13 ta' Mejju 2015 fejn il-Qorti ordnat: *"lil C J M ihallas lil A B is-somma ta' mitejn ewro (€200) kull erba' gimghat b'effett mit-30 ta' Marzu, 2015 liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja"*, liema manteniment kien jinkludi fih nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet oħra;[194]

ii. Digriet datat 17 ta' Awwissu 2015 fejn il-Qorti ordnat: *"tawmenta l-ammont ta' manteniment u tordna lill-intimat sabiex jibda jhallas €300 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri. Tilqa' t-talbiet l-ohrajn"*, liema talbiet kienu li l-konvenut iħallas ukoll nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari, u kif ukoll illi tali manteniment jogħola b'1% kull sena;[195]

ċifra ta' €80 li l-attriċi tirċievi f'*Disabled Children's Allowance* kull erba' (4) ġimgħat, u b'hekk il-Qorti spiċċat biċ-ċifra ta' €228. Il-Qorti pprosegwiet billi ddividiet iċ-ċifra ta' €228 bejn iż-żewġ partijiet, sabiex tasal għaċ-ċifra li kull parti kellu joħroġ minn butu għal minuri, ċjoe' €114. B'hekk il-Qorti għażlet li tali somma tiġi *rounded up* u waslet għas-somma ta' €120.

[192] Ikkalkulata abbażi ta' 45 xahar (2011 – 3 pagamenti, 2012 – 13 pagamenti, 2013 – 13 pagamenti, 2014 – 13 pagamenti, 2015 – 3 pagamenti).

[193] Elenkati a fol. 529.

[194] Fol. 7.

[195] Fol. 95.

iii. Permezz ta' digriet datat 10 ta' Lulju 2018, il-Qorti ordnat lill-intimat iħallas nofs l-ispejjeż għal attivita' extra kurrikulari waħda biss.[196]

Mill-atti jirriżulta illi fil-mori tal-kawża l-manteniment dejjem tħallas, anke' jekk tardivament. Madanakollu jirriżulta li kien hemm żewġ kwistjonijiet li l-Qorti temmen li għandha tindirizza u ċjoe': (i) in-nuqqas ta' ħlas da parti l-konvenut tal-awment fil-manteniment kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja (skont id-digriet tat-13 ta' Mejju 2015) u sussegwentament l-awment bir-rata ta' 1% (skont id-digriet tas-17 ta' Awwissu 2015), u (ii) id-disgwid fuq l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, senjatament l-lezzjonijiet tal-pjanu u l-arti, liema attivitajiet bdew isiru mingħajr mal-konvenut ġie kkonsultat jew pprovda l-kunsens tiegħu.

Il-Qorti tibda billi tosserva:

i. Fir-rigward tal-awment fil-manteniment, mill-atti ma jirriżultax illi dan qatt tħallas, hekk kif fil-kontro-eżami l-konvenut għalkemm jammetti li kien jaf bl-awment ta' 1%, huwa jgħid illi *"jiena ma għollejtux forsi għax minhiex konxju", "...sa fejn naf jien qed tieħu iktar", "għax jien nhalli f'idejn A"*.[197] Barra minn hekk meta l-konvenut ġie mistoqsi jekk isibx problema li dan l-awment iħallsu b'lura mill-2015, huwa jirrispondi *"jekk hemm xi haga li hi dovuta", "...jekk il-1% huma dovuti jridu jithallsu"*.[198]

ii. Fir-rigward tal-attivitajiet extra-kurrikulari, il-Qorti tara li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tikkontendi illi *"din id-decizjoni li hadet l-attriċi rrizultat mill-fatt illi meta l-attrici kienet tipprova taghmel kuntatt mal-intimat, dan tal-ahhar ma kienx jaghti kas u pjuttost jinjoraha"*.[199] Il-Qorti madanakollu tevalwa li wara li ngħata d-digriet tal-10 ta' Lulju 2018 fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas attivita' waħda, l-attriċi qatt ma resqet rikors ai termini tal-Artikolu 230 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn titlob lill-Qorti tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha, u tirrevoka jew tvarja *contrario imperio* d-digriet tagħha, jew talbet permess speċjali sabiex isir appell minn tali digriet ai termini tas-subinċiż 3 tal-Artikolu 229 tal-Kapitolu

[196] Fol. 551.
[197] Fol. 1224.
[198] Fol. 1225.
[199] Fol. 1281.

12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant f'dan l-istadju l-Qorti ma tħossx li huwa idoneju illi tvarja l-pożizzjoni tagħha.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas l-awment fil-manteniment bir-rata ta' 1% għal kull sena u dan b'effett mit-30 ta' Marzu sad-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Magħdud ma' dan, u f'każ li dan għadu ma sarx, il-Qorti mill-ġdid tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dawk l-ispejjeż ta' attivita' extra-kurrikulari waħda skont l-intendiment tad-digriet tal-10 ta' Lulju 2018.

***Likwidazzjoni ta' Manteniment Futur hekk Dovut mill-Konvenut b'effett mid-data li din id-Deċizjoni tgħaddi in Ġudikat:***

Fir-rigward il-manteniment futur, il-Qorti rat li fil-preżent il-konvenut qiegħed iħallas €300, u dan apparti nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Fil-fatt b'kollox il-konvenut qiegħed iħallas is-somma ta' €367 fix-xahar li jinkludu l-ispejjeż surreferiti. Magħdud ma' dan, u hekk kif ikkonferma l-konvenut fil-kontro-eżami tiegħu, jirriżulta li l-konvenut ma għandux problema jħallas dan il-manteniment u l-ispejjeż edukattivi u mediċi.[200] Madanakollu, il-Qorti tara illi tenut kont tal-kundizzjoni tal-minuri, l-attriċi qiegħda tippretendi manteniment futur ta' €400, u dan oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.[201] Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll illi wara r-rikors tal-4 ta' Awwissu 2015,[202] l-attriċi qatt ma reġgħat talbet lill-Qorti għal awment fil-manteniment.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-kundizzjoni tal-awtiżmu tal-minuri hija waħda li tinvolvi spejjeż ulterjuri. Madanakollu u fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija tal-fehma illi manteniment m'għandux ikun kif pretiż mill-attriċi, stante illi: (i) mis-sena 2015 'il quddiem l-attriċi qatt ma talbet awment fil-manteniment, u b'hekk dan minnu nnifsu juri lill-Qorti illi l-minuri ma jonqosha xejn b'manteniment ta' madwar €367, u (ii) fil-preżent il-minuri għandha tlettax-il (13) sena u fir-rigward tal-kundizzjoni tal-awtiżmu, hija għadha fil-preżent eleġibbli għad-*Disabled Children's Allowance*.[203]

---

[200] Fol. 1226 – 1227.
[201] Fol. 1290.
[202] Fol. 58.
[203] Ara x-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali, a fol. 948, 950 – 955, illi b'referenza speċifika għad-*Disabled Children's Allowance* jingħad illi dan il-benefiċċju jibqa' jingħata sal-eta' ta' sittax-il (16) sena, jew sa wieħed u għoxrin (21) sena f'kaz li l-minuri tibqa' tistudja.

Għaldaqstant, il-Qorti tordna *rebus sic stantibus* lill-konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat, u kif ukoll mitt Ewro (€100) bħala sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull erba' (4) ġimgħat, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal J M sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance* u d-*Disabled Children's Allowance* li bħalissa qegħdin jiġu pperċepiti, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-18 -il sena, il-manteniment jitħallas direttament lilha.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, filwaqt li l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ssollevati mill-konvenut, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenut illi:

i. **Fir-rigward ta' manteniment passat dovut mill-konvenut mid-data tat-twelid tal-minuri J M sat-30 ta' Marzu 2015 u ċjoe' d-data li għaliha ssir referenza fid-digriet *pendente lite* tat-13 ta' Mejju 2015:**

    a. Iħallas is-somma ta' €25,125 lill-attriċi, rappreżentanti sehmu bħala manteniment għal minuri J M għal perjodu bejn il-5 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Marzu 2015;

ii. **Fir-rigward ta' manteniment dovut mill-konvenut mit-30 ta' Marzu 2015 sad-data li din id-deċiżjoni tgħaddi in ġudikat:**

b. Iħallas l-awment fil-manteniment bir-rata ta' 1% għal kull sena u dan b'effett mit-30 ta' Marzu sad-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat; u,

c. F'każ li dan għadu ma sarx, il-Qorti mill-ġdid tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dawk l-ispejjeż ta' attivita' extra-kurrikulari waħda skont l-intendiment tad-digriet tal-10 ta' Lulju 2018;

iii. **Fir-rigward ta' manteniment futur hekk dovut mill-konvenut b'effett mid-data li din id-deċiżjoni tgħaddi in ġudikat:**

d. *Rebus sic stantibus,* iħallas lil attriċi s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat, u kif ukoll mitt Ewro (€100) bħala sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull erba' (4) ġimgħat, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal J M sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance* u d-*Disabled Children's Allowance* li bħalissa qegħdin jiġu pperċepiti, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-18 -il sena, il-manteniment jitħallas direttament lilha.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. Rita Vella-Baldacchino
Deputat Reġistratur